MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 461/2011

**AB**

-vs-

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmintax (18) ta’ Lulju tas-sena elf disgha mija u sebgha u tmenin (1987) fil-Knisja tal-Istitut ta’ San Guzepp, gewwa Santa Venera, f’Malta (hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe’, tifla maggorenni bl-isem N illi ghandha tlieta u ghoxrin (23) sena, u tifla minorenni bl-isem L illi ghandha sbatax-il (17)

sena (certifikati tat-twelid hawn anness u mmarkati Dok. B u Dok. C rispettivament);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal tlettax-il sena, hekk kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni vigenti bejniethom, liema att pubbliku jinsab fl-Atti tan-Nutar Dr. Nathalie Pace Asciak u huwa datat l-erbatax (14) ta’ Lulju tas-sena elf disgha mija disgha u tmenin (1998), (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. D);

Illi l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni personali jipprovdi illi r-ragel, li fid-data tal-kuntratt kien jinsab dizokkupat, huwa obbligat illi malli jkollu mpieg ihallas lill-martu s-somma ta’ hamsin lira maltin (LM50) u cioe’ is-somma ta’ mija u sittax-il euro u hamsin centezmu (€116.50c) kull xahar, bhala manteniment ghaz-zewg uliedu fuq imsemmija. Ir-ragel illum jinsab mizmum gewwa l-habs fl-isptar Monte Carmeli, Attard u ghalhekk dan ghad m’ghandu l-ebda mpieg.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u dan b’mod partikolari in vista tal-fatt illi r-ragel Eleno Cassar kien isawwat lill-esponenti u sahansitra kien hebb ghaliha u taha hames daqqiet ta’ sikkina, f’incident illi sehh fil-5 ta’ Mejju 2011 u li dwaru ttiehdu proceduri fil-Qorti tal-Magistrati kontra l-istess ragel (vide rapport mediku ta’ Charmaine Cassar u artiklu datat s-6 ta’ Mejju 2011 ippublikat fil-gazzetta nazzjonali Times of Malta, hawn annessi u mmarkati bhala Dok. E u Dok. F rispettivament). Huwa ghalhekk evidenti illi ma tezisti l-ebda possibilita’ ta’ rikonciljazzjoni bejn il-konjugi Cassar.

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta huma kollha sodisfatti.

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti.

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti lura ghal kunjom xbubitha, Busuttil.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Dicembru, 2011;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma irrispondix;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrent irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Lulju 1998;

Rat illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u kif ukoll illi peress illi l-intimat ma ghandux impjieg ma ghandux ihallasha l-ebda manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti lura ghal kunjom xbubitha Busuttil u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------